**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TMINJA**

**8 TA' Jannar, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sur Kyle Mifsud, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

----

**ASSENTI**

--

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **8.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 8.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **8.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 8.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas- sebgħa seduta. |
| | | |
| ***8.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 8.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Kellha laqgħa ma' rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet tal-banda fiż-Żurrieq, fejn il-kunsilliera kollha kienu infurmati u attendew il-kunsilliera Kenneth Farrugia, |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kyle Mifsud u Marylyn Sammut. F'din il-laqgħa kien hemm qbil li s-soċjetajiet jgħatu stima tad-disinn tal-Milied ġdid f'Bubaqra u stima ta' għarmar tal-Milied kollu fiż-Żurrieq.<br>• Nhar il-Ħadd 12 ta' Jannar ser issir l-attivita ta' girja taż-żwiemel fi Triq il-Belt Valletta.<br>• Dberik tal-annimali ser issir fis-26ta' Jannar. Din ser issir f'mixja u dberik.<br>• L-attivita tal-karnival ser ikun fis-27 ta' Frar.<br>• Ġiet avviċinata mis-Sur Mario Salerno biex jgħamel lectures fuq biedja u agrikoltura. Dan ser kors rikonoxxut b'`ertifikat minn ARPA. Ser isir f'Marzu fiż-Żurrieq li ser ikun hemm ħlas minimu għal min jattendi. |
| | | |
| 8.3.2 | | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata mill-konferenza tal-paċi biex għal din is-sena ssir f'Malta. Kien hemm qbil li s-Sindku titlob aktar informazzjoni bil-miktub sabiex il-Kunsill ikun jaf aktar xi jkun l-involviment tal-Kunsill. |
| | | |
| | | |
| ***8.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 8.4.1 | | Il-Kunsillie Jeremy Coleiro qal –<br>• fejn il-Village Core fi Vjal il-Blue Grotto hemm sprall biex jitnaddaf.<br>• Biex isiru yellow lines ma' garage fi Triq l-Arcipriet E Mifsud<br><br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| 8.4.2 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal –<br>Fi Triq Xandru D'amato jeħtieġ li jerġgħu jsiru l-linji wara li saret it-triq bit-tarmak. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 8.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal –<br>• Triq 25 ta' Novembru - biex isirilha wiċċ ġdid u bozoz ġodda. Ser jaħdem biex l-Enemalta tagħmel il-bozoz fuq l-arbli hi.<br>• Fil-Mellieħa l-Kunsill għamel poles tal-plastik sbieh bid-dawl fuqhom. Jeħtieġ li jiġu mistoqsija fejn saru ħalli l-Kunsill jikkunsidra jgħamel bħalhom. |
| | | |
| 8.4.4 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet -<br>• Qed jitolbu biex il-bin li hemm f'Misraħ Santa Marija jitneħħa. Ma kienx hemm qbil.<br>• Il-ħitan tas-sejjieħ li twaqqgħu fi Triq Ballot jerġgħu jittellgħu – Is-sindku qalet li ilha tinsisti mal-Ministeru fuq dan.<br>• Isir żbir ta' siġar madwar il-mitħna tax-xarolla. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex isir car boot sale fil-ġnien tal-ġibjun. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Sign fi Vjal il-Blue Grotto mgħawġa. |
| | | |
| 8.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal -<br>• Vjal il-Blue Grotto kien hemm double yellow lines tul it-triq kollha fis-service biex jerġa jsir. Kien hemm qibl.<br>• Ilma li dejjem ħiereġ minn propjeta privata fi Vjal il-Blue Grotto – is-Sindku qalet li qed titkellem fuq il-każ mas-Segretarju Parlamentari tal-PW.<br>• Beda jaħdem biex jerġa jsir il-pageant tal-ġimgħa l-kbira. Jixtieq li jsir fuq jumejn għax is-sena l-oħra kienet success u kien hemm nies ma bdewx jaraw. Is-Sindku qalet li kellmuha resident li jixtiequ jipparteċaw f'purċissjoni ( din ser tiġi diskussa għal sena oħra) . Hu qal li tkellem mal-iscouts biex joffru s-sit tagħhom, biex isir ir-rehersals u staqsa lill-iscouts biex jgħamlu l-fjakkoli waqt l-attivita. Kien hemm qbil li tinħareġ applikazzjoni li mhux aktar tard sal-27 ta' Jannar jistgħu japplikaw biex ikunu parti mil-cast tal-pageant tal-Ġimgħa l-Kbira. Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna tar-Reġjun Punent għal din l-attivita kulturali<br>• Kien hemm qbil li jibdew jinġabru stimi fuq jumejn – għal dawl, sound, etc. |
| | | |
| ***8.5*** | | ***PA/07684/24 Applikazzjoni għal Super Market fi Triq Ħal Millieri – kienu preżenti l-konsulenti tal-Kunsill re PA*** |
| | | |
| 8.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-emails kollha li l-Kunsill irċieva mingħand ir-residenti li huma kontra l-proġett ta' dan is-sit, tqassmu kollha lill-kunsilliera u lill-konsulenti tal-Kunsill. U kull korrispondenza mill-Konsulenti tal-Kunsill, tqassmet lill-Kunsill kollu.<br><br>F'dan il-punt tkellem wieħed mill-konsulenti fejn spjega fid-dettal dak li kiteb fid-draft tal-oġġezzjoni bi ftehim bejn iż-żewġ konsulenti (dok mehmuż).<br>Hu irrefera għall-impatt soċjali li dan il-proġett ser ikollu fuq ir-residenti u t-tħassib tagħhom fuq l-inkonvenjent li ser iġib dan il-proġett, fejn jidħol it-traffiku u affarijiet oħra li ħarġu mil-laqgħa tar-residenti. Hu qal li dan il-proġett jikkontravjeni ukoll il-pjan lokali tan-nofsinhar ta' Malta. Minbarra li l-proġett jidher li mhux vijabbli u l-kunsill irid jgħati kas x'qed jgħidu r-residenti. Jemmen li l-opinjoni tar-residenti għandha valur u piż fid-deċiżjoni li ser jieħu l-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li din hi applikazzjoni għal o*utline development application.* Staqsa għaliex qed issir oġġezzjoni għall-applikazzjoni kollha tal-iżvilupp, meta l-applikazzjoni tinkludi ukoll parti mill-petrol station li diġa hi eżistenti.<br><br>Il-konsulenti qalu li fl-opinjoni tagħhom il-Kunsill għandu joġġezzjona fuq l-applikazzjoni li hemm bħalissa li parti minnha tinsab fuq ODZ u jekk il-PA ma tikkunsidrax l-oġġezzjoni tal-Kunsill u tkompli bl-approvazzjoni tal-proġett, il-Kunsill iressaq il-punti fejn ma jaqbilx u jgħati suġġerimenti oħra. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet jekk il kunsill ma joġġezzjonax għal din l-applikazzjoni jkun qed jiftaħ it-triq biex ikomplu jibnu fl-ODZ. Taf li raba oħra qed tinxtara riċentament bl-iskop li 'l quddiem issir għall-bini, fosthom raba saqwi fi Vjal ix-Xarolla.<br>F'dan il-punt il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, qal li kull għalqa inbniet, anke saħansitra l-bini ta' wara l-pompa tal-petrol, li r-raba saqwi li kien hemm bnew fuqha dawk stess li qed joġġezzjonaw u minn informazzjoni li għandu l-istess għelieqi kienu tas-sidien stess tal-pompa tal-petrol.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Misud qal li l-Kunsill għandu jitlob ir-rapport li kellhom jgħatu l-iżviluppaturi, wara li l-Kunsill kellu laqgħa magħhom u li qablu fuq ċertu punti li ressqilhom il-Kunsill. Wara terġa ssir seduta tal-Kunsill b'urġenza u terġa tiġi diskussa qabel il-Kunsill jgħamel l-oġġezzjoni. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill dejjem prova jimxi fuq il-prassi li jitkellem mal-iżviluppatur, flimkien mal-konsulent u wara li l-Kunsill jgħamel lista ta' affarijiet li l-Kunsill ma jaqbilx magħhom u flimkien issir mitigazzjoni u qbil. Meta jsir hekk jibbenefika kulħadd. Dan għandu jerġa jsir u l-Kunsill jgħati skadenza sa meta għandu jilqa tali rapport u terġa ssir laqgħa oħra. Dan jista jsir ġaladarba għad fadal żmkien għall-oġġezzjoni.<br>Ma kienx hemm qbil fuq dan għaliex l-iżviluppaturi kellhom ċans jibgħatu mil-aħħar seduta sal-lum.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-osservazzjonijiet li ħejjew il-konsulenti għandhom jintbagħtu lill-applikant u jgħati ċans biex jbiddlu l-affarijiet.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Marisa D'Amato kellha bżonn toħroġ mis-seduta u infurmat li hi assolutament kontra dan l-iżvilupp kollu. ( il-ħin li ħarġet 18:50)<br><br>Il-konsulenti taw l-opinjoni li l-Kunsill jirreġistra ruħu bl-oġġezzjoni kontra l-iżvilupp fl-ODZ, bil-punti imqajma inklużi u b'hekk ikun qed jirriserva d-dritt li jkun fil-proċess tal-pożizzjoni tal-PA. Il-Kunsill jista jirreġistra ruħu bħala rappreżentat biex jikkontribwixxi fil-proċess u b'hekk jekk l-iżviluppaturi jgħamlu xi tibdil, kull darba il-Kunsill ikollu ċ-ċans li jibgħat oġġezzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu jaqbel li l-proġett ma jsir xejn.<br>Il-Kunsillieri Jeremy Coleiro qed jaqbel mal-konsulenti u li Triq Ħal Millieri ma tintmesx.<br><br>Il-Kunsilliera f'isem il-PN filwaqt li jaqblu li m'għandux ikun hemm bini f'ODZ, iridu jgħatu l-opportunita lill-iżviluppaturi, biex jgħatu r-rapport tagħhom u ssir diskussjoni magħhom kif sar fi proġetti oħra. Dan kollu għalkemm l-applikant qed jargumenta li fejn qed jgħidu li hu ODZ diġa intmess.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jimxi fuq l-oġġezzjoni li ħejjew bejniethom il-konsulenti tal-Kunsill. |
| | | |
| ***8.6*** | | ***PC00068/22 – Art fi Triq Tal-Bebbux*** |
| | | |
| 8.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bi żvista ma infurmatx lill-bdiewa minn ħafna qabel din is-seduta u waħda mill-bdiewa tinsab indisposta, għalhekk ma setgħux jattendu għas-seduta. Kien hemm qbil li jiġu infurmati bil-ġurnata tas-seduta li jmiss. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Waqt laqgħa li kienet saret bejn kunsilliera u l-Onor Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi, kien hemm qbil li l-art li parti minnha hi tal-Gvern tkun devoluta lill-Kunsill u l-kunsill jużha għall-komunita. (f'din il-laqgħa ma kienetx preżenti s-Segretarju Eżekuttiv). |
| | | |
| ***8.7*** | | ***Sit tal-Kunsill fi Triq il-Passju (użu ta' binja)*** |
| | | |
| 8.7.1 | | Ġejna avviċinati mill-konsulent li qed jieħu ħsieb il-proġett ta' Triq il-Passju li l-perit irid jibda jaħdem fuq il-pjanti inkluż id-disinn tal-binja li ser tingħata lill-Kunsill.<br>Il-kuntrattur informa li minħabba ċirkostanzi ta' li dar għall-anzjani jkollha bżonn, biddel id-deċiżjoni tiegħu u minflok ser jgħamel ser gym u faċilitajiet oħra soċjali. Il-proġett ta' dar għall-anzjani m'għadux sostenibbli minħabba nuqqas ta' spazju u l-ispejjeż li fih huma esaġerati. Bir-regalamenti l-ġodda jirrekjedi ħafna aktar spazzju fosthom kamra mortwarja etc.<br><br>Il-Kunsill jinsab deluż li mhux ser issir id-dar tal-anzjani.<br><br>Il-konsulent qed jissuġġerixxi li ssir multi purpose hall fl-entratura tal-ground floor li jkun għoli daqs żewġ sulari; fit-tielet sular jkun hemm sala kbira oħra li tista tinqasam temporanjament u tintuża mill-orkestra jew xi laqgħat u fir-raba u l-ħames sular jsiru kmamar/klassijiet/uffiċini. Dawn jistgħu jintużaw għal taħriġ ta' computers, u crafts etc. Parti minnu tista tinkera ukoll.<br><br>Kien hemm qbil mill-Kunsill li l-ewwel sular ikun garage/store u t-tieni u t-tielet ikun sala kbira, ir-raba u l-ħames sular ikunu uffiċċini tal-Kunsill Lokali. |
| | | |
| ***8.8*** | | ***Vjal il-Kulħadd – Misraħ Santa Marija*** |
| | | |
| 8.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pjanti tal-Perit tal-Kunsill fuq Vjal Kulħadd għal Misraħ Santa Marija f'Bubaqra u infurmat li l-proposta ta' Vjal Kulħadd għal Vjal l-Indipendenza ma ġiet milqugħa.<br>Wara email li l-Kunsill irċieva f'isem il-kunsilliera kollha tal-PN, li tali email għaddietha lill-perit. Il-Perit irreveda l-pjanta u reġgħa bagħat proposta oħra. Tali proposta reġgħet tressqet lill-Kunsill kollu.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil fuq dan:<br>• Il-punti li ġew miktuba mill-Kunsilliera tal-PN jiġu mwiegħba kollha;<br>• Vetturi kbar (ambulanza, fire engine, scammles, bowsers għat-tisqija tal-għelieqi etc) li jridu jmorru lejn iċ-ċimiterju ma jistgħux jgħaddu għax l-unika aċċess huwa dejjaq wisq<br>• Imwejjed u siġġijiet ma jsirux u minflok isir bank li kien hemm qabel;<br>• Pjanta li hemm quddiem fejn ġej il-bank tiġi spustjata jew imneħħija, sabiex il-garaxx li hemm ikollu aċċess aħjar;<br>• Jsiru turning circles tal-aċċessi kollha tal-garaxxijiet biex jiġi żgurat li kull garaxx fil-Misraħ jkollu aċess neċessarju; |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fil-misraħ hemm shelter li jrid ikun protett.<br>• Jridu jsiru turning circles tal-vetturi li jgħatu servizz sabiex ikun zgurat l-aċċessibilta tagħhom fil-Misraħ;<br>• L-alinjament tal- chains and bollards, li hemm imniżla fil-pjanta tkun limitata biss għal fejn hemm l-istatwa u mhux mal-misraħ kollu.<br>• issir laqgħa mal-Perit biex tiġi spjegata fid-dettal il-proposta li ser tkun emendata. |
| | | |
| | | |
| ***8.9*** | | ***Performance Appriasal tas-Segretarju Eżekuttiv*** |
| | | |
| 8.9.1 | | Is-Sindku ressqet ir-rapport li ħejjiet fuq is-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu fuq il-kontenut u li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-performance bonus. |
| | | |
| ***8.10*** | | ***Performance Appraisals tal-Impjegati*** |
| | | |
| 8.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti tal-impjegati u talbet li jitħallsu kollha l-massimmu tal-performance bonus. Kien hemm qbil unanimu fuq ir-rapporti imħejjija. |
| | | |
| ***8.11*** | | ***Żieda ta' Notch ta' Impjegata*** |
| | | |
| 8.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba biex waħda mill-iskrivani titla n-notch li jmissha fl-iskala tagħha. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***8.12*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***8.13*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 8.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Talba għall-bollard fi Triq il-Veduta minħabba li vetturi qed joborxu l-faċċata tad-dar ta' resident. Dok 8.13.1 Kien hemm qbil fuq dan.<br>• B'referenza għall-aħħar talba li saret minn Zurrieq Wolves- din id-darba l-Kunsill irċieva korrispondenza li tagħti informazzjoni fuq il-club tal-Hockey li din is-sena ser jgħalaq 50 sena mit-twaqqif tiegħu. Dok 8.13.1b Ma kienx hemm qbil fuq dan għaliex m'hemmx raġuni valida għal din l-għajnuna.<br>• Inħarġet tender fuq il-proġett ta' Misraħ il-Karmelitani -isemma – din tgħalaq lejn l-aħħar ta' Jannar. L-aġġudikaturi ser ikunu minn Project Green u avukat u persuna oħra mgħażulin mill-Kunsill. Dan ġie approvat mill-Kunsill |
| | | |
| 8.13.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport annwali amministrattiv Jannar 2024 sa Diċembru 2024. Kien hemm qbil fuq ir-rapport. ***DOK 8.13.2*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***8.14*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 8.14.<br>1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 43. |
| | | |
| ***8.15*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 8.15.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok2** għall-ammont totali ta' €83,937.75<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Marylyn Sammut. |
| | | |
| ***8.16*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 8.16.<br>1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar, 2025, fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' FRAR 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**